MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2010

Citazzjoni Numru. 469/2008

Kawza fil-lista: 24

**K D**
**vs**
**B C**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li minn relazzjoni li hi kellha mal-konvenut twieldet it-tifla M fit-8 ta' Lulju 2001; li minn mindu twieldet, il-minuri dejjem ghexet ma' l-attrici li tiehu hsieb il-bzonnijiet kollha taghha; li l-konvenut mhu qed ihallas ebda manteniment ghall-minuri bintu u l-ispejjez kollha, inkluzi dawk ta' l-edukazzjoni u dawk relatati mas-sahha tal-minuri, li ghandha bzonnijiet specjali, thallashom kollha l-attrici, minghajr ebda kontribut tal-konvenut; li l-konvenut kemm-il darba hedded lill-attrici; li l-attrici

ottjeniet l-awtorizzazzjoni skond il-ligi sabiex tipprocedi bl-istanza odjerna; ghalhekk qed titlob li din il-Qorti: [1] tordna li l-kura u kustodja tal-minuri tkun fdata esklussivament f' idejn l-attrici; [2] tordna li kull beneficju/ghajnuna socjali dovuti ghall-minuri jkun percepit esklussivament mill-attrici; [3] tiffissa kumpens xieraq ghaz-zmien kollu li hija kellha tipprovdi wahedha ghall-bzonnijiet u ghall-ghejxien tal-minuri; [4] tiffissa manteniment xieraq u adegwat ghall-ghajxien u bzonnijiet ta' kuljum, inkluzi, dawk edukattivi u medici, u li l-manteniment hekk fissat ikun rivedibbli minn zmien ghal zmien; [5] tordna li l-konvenut ihallas dawn l-ammonti hekk fissati minn din il-Qorti, bl-ispejjez;

Rat li l-konvenut, debitament ingunt, ghazel li jibqa' kontumaci;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits u dokumenti prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob li din il-Qorti tafdalha l-kura u kustodja esklussiva tal-minuri, M, bint il-partijiet, li twieled fit-8 ta' Lulju 2001; u li tordna lill-konvenut jikkontribwixxi ghall-manteniment ta' l-istess minuri, kif ukoll tordna li l-konvenut jhallas lill-attrici kumpens ghaz-zmien li hi kellha tmantni lit-tifla wahedha minghajr il-kontribut finanzjarju tal-konvenut.

**Il-Fatti**

Illi mill-provi jirrizulta nkontrastat mill-konvenut, u konfortat minn xhieda u dokumenti, li minn relazzjoni li l-attrici kellha mal-konvenut twieldet it-tifla M fit-8 ta' Lulju 2001. Din ir-relazzjoni giet sussegwentement terminata mill-attrici fis-sena 2007 minhabba komportament abbuziv da parti tal-konvenut fil-konfront taghha.

Illi l-attrici minn dejjem kienet tiehu hsieb il-bzonnijiet u l-ghejxien tal-minuri, u baqghet taghmel hekk, anke wara t-terminazzjoni tar-relazzjoni;  filwaqt li l-konvenut ma kienx jaghti kontribut, lanqas finanzjarju, u dan nonsotante li t-tifla ghandha bzonnijiet specjali minhabba nuqqas ta' smigh.  Tghid li "hu qatt ma kkontribwixxa finanzjarjament lanqas ghall-hlas tat-tobba u professjonisti jew ghall-apparat specjali li hi [it-tifla] ghandha bzonn, ghalkemm jien tlabtu kemm-il darba."[1]

Illi mal-affidavit taghha l-attrici prezentat lista ta' l-ispejjez inkorsi minnha in konnessjoni mal-htigijiet tal-minuri, inkluzi dawk edukattivi u dawk relattati mas-sahha tal-minuri.  Din il-lista, flimkien mad-dokumenti annessi maghha, ghalkemm notifikati[2] lill-konvenut, ma gewx kontrastati minnu.

Illi mill-ahhar payslip prezentata jirrizulta li l-konvenut, bejn paga bazika u bonus, ghandu dhul nett ta' €1,510.38 fix-xahar;  filwaqt li l-attrici, li kienet taqla' circa €1,314 gross fix-xahar, spiccat redundant fil-15 ta' Mejju 2009.

Illi permezz ta' digriet moghti minn din il-Qorti fl-udjenza tal-4 ta' Marzu 2009, wara ftehim da parti tal-partijiet, il-kura u kustodja tal-minuri giet provvizorjament fdata lill-attrici pero' decizjonijiet dwar l-edukazzjoni u s-sahha tal-minuri jittiehdu konguntivament;  inoltre il-konvenut gie ordnat li jhallas lill-attrici, bhala l-kontirbut tieghu ghall-manteniment provvizorju tal-minuri, is-somma ta' €163.06 kull erba' gimghat, u nofs l-ispejjez ta' l-edukazzjoni u sahha tal-minuri;  u li dan il-manteniment ghandu jitnaqqas direttament mill-paga tal-konvenut.

Illi fil-mori tal-kawza l-attrici nformat il-Qorti li, ghalkemm il-manteniment kien qed jinghata lill-attrici, il-konvenut naqas milli jonora l-obbligu tieghu li jhallas nofs l-ispejjez ta' l-edukazzjoni u sahha.[3]

---

[1] Fol.64
[2] Fol.63
[3] Fol.119  u 120

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
***Kura u Kustodja***
Illi mill-provi jirrizulta car u manifest li l-interessi tal-minuri jiddettaw li dina tibqa' tghix ma' ommha u li din ghandha tigi fdata bil-kura u kustodja esklussiva tat-tifla, b' access favur il-missier kif mifthiehem bejn il-partijiet.[4]; izda decizjonijiet importanti relatati ma' l-edukazzjoni, u sahha tal-minuri ghandhom jittiehdu konguntivament bejn il-partijiet, u f' kaz ta' dizgwid, bl-intervent tal-qorti.

***Manteniment***
*Futur*
Illi din il-Qorti, wara li hadet in konsdierazzjonijiet il-bzonnijiet tal-minuri, u l-mezzi tal-partijiet hija tal-fehema li l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici bhala l-kontribut tieghu ghall-manteniment ta' bintu, is-somma ta' €365 kull erba' gimghat, liema ammont jinkludi l-ispejjez kollha relatati ma' l-edukazzjoni tal-minuri, kif ukoll dawk relatati mas-sahha taghha,u dan, sakemm il-minuri taghlaq it-tmientax-il sena; Ghalhekk il-Qorti tordna li l-konvenut ihallas dan l-ammont lill-attrici, liema ammont ghandu jigi rivedut kull sena skond l-gholi tal-hajja kif indikat fl-indici ufficjali tal-gvern. Dan l-ammont ghandu jinqata' direttament mill-paga tal-konvenut u jintbaghat permezz ta' cheque fl-indirizz residenzjali ta' l-attrici, jew f' kont bankarju ndikat minnha.

*Arretrat*
Illi mill-provi jirrizulta nkontrastat li l-konvenut ma kienx jikkontirbwixxi ghall-manteniment ta' bintu,u ghalhekk din il-Qorti qed tiffissa s-somma komplessiva ta' <u>€33,163</u> rapprezentanti ammont kalkolat bir-rata ta' €190 kull erba' gimghat ghall-ewwel tlett snin[5], ta' €210[6] kull erba' gimghat ghas-sentejn sussegwenti, u ta' €365 kull erba' gimghat ghar-rimanenti zmien[7].

---
[4] Fol.30 – verbal fl-udjenza tal-4 ta' Marzu 2009 li permezz tieghu l-partijiet dak in-nhar informaw lill-Qorti li "fil-prezent m' hemmx problema dwar access".
[5] €190 x 13 x 3 = **€7,410** [mit- 8.7.2001 sa 7.7.2004]
[6] €210 x 13 x 2 = **€5,460** [mit-8.7.2004 sa 7.7.2006]
[7] €365 x 13 x 4 = **€18,980** [mis-8.7.2006 sat-7.7.2010];
€13 x 90 = **€1,170** [mis-8.7.2010 sa 7.10.2010] ;u

Minn din is-somma ghandha titnaqqas is-somma ta' €3,496[8] rapprezentanti ammont ta' manteniment imhallas mill-konvenut fil-mori tal-proceduri; u ghalhekk il-konvenut huwa ordnat li jghati lill-attrici bhala kumpens is-somma ta' €29,667.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi:

[1] tilqa' l-ewwel talba fit-termini u kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni 'Kura u Kustodja;

[2] tilqa' t-tieni talba;

[3] tilqa' t-tielet talba, u tiffissa l-kumpens dovut mill-konvenut lill-attrici kif fuq stabbilit u ndikat fis-sezzjoni ntestata 'Manteniment – Arretrat' fl-ammont ta' disa' u ghoxrin elf, sitt mija seba' u sittin ewro [€29,667]; u fit-termini tal-hames talba tordna li l-attur ihallas lill-attrici dan l-ammont;

[4] tilqa' ir-raba' talba, fis-sens u kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata 'Manteniment – Futur]; u, fit-termini tal-hames talba, tordna li l-konvenut jhallas lill-attrici, kif fuq indikat, is-somma ta' tlett mija hamsa u sittin [€365] kull erba' gimghat;

L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

€13 x11[jum] = **€143** – b' kollox **€33,163**

8 Mil-4.3.2009 sat-28.10.2010 bir-rata ta' €163.06